## Rokna Talb

*mill-ktejjeb "**Ejjew Nitolbu**". Ed.15. Maħruġ mill-Kummissjoni Kateketika - Djoċesi ta' Għawdex*

### Opri tal-Ħniena

*Li jmissu l-ġisem:(Mt. 25:35-46)*

Itma lil min hu bil-ġuħ - Isqi lil min hu bil-għatx
Libbes lil min hu għarwien - Ilqa' lil min hu bla dar (frustier)
Żur lil morda - Żur il-ħabsin
Idfen il-mejtin - Ħu hsieb il-Ħolqien.

*Li jmissu r-ruħ (KKK: 2447)*

Agħti parir tajjeb lil ħosbien - Għallem lil min ma jafx
Widdeb lil midimbin - Farraġ lil imnikktin
Aħfer il-ħtijiet - Stabar b'min idejqek
Itlob lil Alla għal fqjarin u għal mejtin.

| **O Marija wisq grazzjuża,** | **Ġesù, Marija, Ġużeppi** |
|---|---|
| Inti l-Omm l-iżjed glorjuża,<br>Inti l-Bint, inti l-Għarusa<br>tal-Imqaddsa Trinità<br><br>Mela lilek, O Marija,<br>Aħna nagħtu kull foħrija,<br>Sabiex miegħek imhennija,<br>Ingwaduk fl-eternità. | Nagħtikom qalbi, ruħi u kulma fija.<br><br>Ġesù, Marija, Ġużeppi,<br>ieqfu miegħi fl-agunija.<br><br>Ġesù, Marija, Ġużeppi,<br>toħroġ ruħi fil-paċi fl-agunija. |

### Talba qabel ix-xogħol

Agħtina, Mulej, id-dawl tiegħek, qabel nibdew il-ħidmiet tagħna llum, u għinna aħna u nagħmluhom biex kulma nagħmlu jkun jibda minnek u fik jintemm, bi Kristu Sidna. Amen.

**Leġjun ta' Marija**

**Laqgħat tal-*Praesidium* f'Ħad-Dingli (Nisa u Irġiel)**

**Jum**: Kull nhar ta' Erbgħa
**Ħin**: 4:30 pm
**Post**: Fiċ-Ċentru Parrokkjali





Fuljett maħruġ mill-Praesidium

# Marija Mtellgħa s-Sema
## Ħad-Dingli

**Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi**

**Leġjun ta' Marija**

**Ħarġa Nru. 14**
**Lulju 2026**



## *IL-PREKONJU FESTIV TAL-GĦID TAL-ASSUNTA*

Għeżież,

Waqt li qed ngħixu fir-ritmu tas-Sajf, ejjew niftakru li dan l-istaġun ukoll għandu l-Għid tiegħu: l-*'Għid tal-Assunta'*. Imma qatt kontu tafu li bħall-Prekonju tal-Għid il-Kbir – dak l-innu imsejjaħ *'**Exultet** – Jifirħu'* li jitkanta fil-Vġili tal-Għid sabiex iħabbar il-qawmien mill-imwiet tal-Mulej Ġesù, eżatt wara l-mixegħela tal-blandun u x-xemgħat ta' kulmin ikun preżenti, jeżisti wkoll il-**Prekonju tal-Assunta**?

Dan il-*Praeconium* huwa Proklamazzjoni solenni kantata matul il-Vġili tal-15 ta' Awwissu u jxandar lil Marija bħala l-ewwel frott tal-Knisja li tiċċelebra r-rebħa tagħha fuq il-mewt.

Hekk, bħal fil-lejl tal-Għid, din il-proklamazzjoni spiss isseħħ f'atmosfera evokattiva, bl-assemblea miġbura madwar ix-xemgħa u xbieha jew ikona Marjana fejn flimkien mal-ħolqien kollu, il-kongregazzjoni tiġi mistiedna biex tiċċelebra l-glorifikazzjoni ta' Marija, meħuda s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, bla ma tbati t-taħsir tal-qabar, u tantiċipa d-destin eskatoloġiku tal-Knisja kollha waqt li tiddikjaraha u tifraħ biha bħala r-Reġina tas-Smewwiet.

U hawn tajjeb ngħidu, li f'bosta santwarji Marjani ssir din it-tip ta' ċelebrazzjoni: insemmu bħala eżempji l-Bażilika ta' *Santa Maria Maggiore* f'Ruma u l-Bażilika ta' *Santa Maria degli Angeli* f'Assisi. Fil-gżejjer Maltin, ma tantx insibu din it-tip ta' velja, l-aktar minħabba l-festi titulari li diversi parroċċi jkollhom f'ġieħ Santa Marija li jinvolvu l-lat estern (baned u nar), imma f'Għawdex, permezz tas-Santwarju ta' Pinu, issir il-quddiesa tal-Vġili fil-pjazza quddiem il-knisja, u jintroduċi l-quddiesa nsibu dan il-prekonju kantat bħala l-innu tal-bidu.

Bħala struttura, il-kliem ta' dan il-Prekonju hu tassew simili għall-*Exultet* tal-Għid, bit-tifħir inizjali ikun eżortazzjoni lill-anġli u l-qaddisin sabiex jilqgħu lill-Omm Alla (**Strofi 1-2**). Ikompli billi jipproklama l-misteru tal-Assunta jiġifieri *l-"Għid tal-Verġni"* u jqabbel il-qawmien mill-imwiet ta' Kristu mal-eżaltazzjoni tal-ġisem tal-Omm (**Strofi 3-5**) u jkompli billi jiddikjara l-ferħ bit-tieġ tal-Ħaruf Divin mal-Għarusa, imżejna bi ġmiel hekk safi, referenza ċara għad-destin tal-Knisja (**Strofi 6-7**).

*(ikompli f'paġna 2)*

Finalment, dan il-prekonju jagħlaq b'talba ta' interċessjoni fejn Marija hija mitluba tipproteġi lill-poplu pellegrin u tiggwidah lejn il-glorja u d-dawl dejjiemi tas-sema (**Strofi 8-11**).

Hawn taħt insibu l-kliem ta' dan il-Prekonju, li tajjeb napprezzaw is-sbuħija u l-għana tiegħu fid-dawl tat-teoloġija Marjana, u nitolbuh mill-qalb, u nimmeditawh fis-skiet interjuri:

**(1) Jifirħu l-kori tal-anġli,**
**jifirħu flimkien il-qtajja tal-qaddisin.**
**Jilqgħu b'festa lir-Reġina tagħhom**
**fost il-ferħ tal-ħolqien kollu.**

**(2) Tifraħ il-Knisja għalissa pellegrina,**
**u b'innijiet tfaħħar lill-Qaddis li jista' kollox,**
**għax għamel ħwejjeġ kbar ma' Marija:**
**għolla fuq tron regali, lilha, qaddejja umli.**

**(3) Dan hu l-Għid tal-Verġni:**
**hi titla' bil-ġisem lejn il-glorja tas-sema.**
**bidu mdawwal u futur tal-Knisja,**
**li jintlaħaq b'mod sħiħ fis-Saltna smewwija.**

**(4) Dan huwa l-jum li fih Omm Alla**
**bla tebgħa fil-konċepiment tagħha,**
**safja fil-ħlas tal-Iben Divin,**
**tirbaħ ukoll fuq it-taħsir tal-qabar.**

**(5) Dan huwa l-jum li fih Ġesù, Adam il-ġdid,**
**rebbieħ fuq id-dnub u fuq il-mewt,**
**jgħolli ħdejh lil Eva l-ġdida,**
**Verġni ubbidjenti u ġeneruża sieħba.**

**(6) O jum tassew tal-għaġeb,**
**li fih ir-raġel u l-mara,**
**maħluqin fl-immaġni u x-xebħ ma' Alla,**
**jerġgħu jiksbu l-ogħla dija.**

**(7) O jum ferrieħi tat-tieġ,**
**li fih l-għażiża Bint Sijon, il-Maħbuba,**
**hi ppreżentata lill-Ħaruf bħala Għarusa,**
**imżejna bi ġmiel hekk safi.**

**(8) O jum ta' tama liema bħalha:**
**illum inxtegħlet fis-sema il-kewkba**
**li timmarka l-mixja tal-bniedem**
**bir-raġġ ħelu tal-wens Divin.**

**(9) Dan huwa l-jum ta' paċi u ħniena,**
**li jara bilqiegħda maġenb il-Ħanin**
**– il-mimlija bil-grazzja – lill-Omm,**
**li tħares il-passi ta' wliedha kollha.**

**(10) F'dan il-jum ta' glorja, Missier qaddis, nitolbuk:**
**ħalli jiddi anke fina dak id-dawl**
**li idda fil-milja tiegħu f'Marija Ommna,**
**Bi Kristu Ibnek, Dawl minn Dawl.**

**(11) Hu li jgħix u jsaltan rebbieħ miegħek,**
**fl-għaqda sħiħa mal-Ispirtu s-Santu,**
**għal dejjem ta' dejjem. Ammen.**

Kan. David Farrugia
Arċipriet





# L-IMPORTANZA TAD-DEVOZZJONI VERA LEJN IL-VERĠNI MBIERKA: MARIJA MARA TA' TALB

*Kitba ta' Doris Borg*

Il-Madonna kienet mara ta' talb. Li kieku Marija ma kienitx mara ta' talb, żgur li ma kienetx tasal biex meta dehrilha l-Anġlu Gabriel, fejn nistgħu ngħidu li dik kienet l-ewwel Konferenza ta' Paċi bejn Alla u l-bniedem, ma kienitx tasal biex tgħid "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!" [Lq:1:38]

It-Talb ta' Marija kien wieħed kostanti, mhux skont l-aptit. It-Talb ta' Marija kien tul ħajjitha kollha. Marija kienet miftuħa għal Alla. Qalbha kienet marbuta mar-rieda ta' Alla u l-ħin kollu kienet lesta li tagħmel dak li jrid Hu, x'ħin irid Hu u kif irid Hu. Marija kienet verament tgħum fil-preżenza ta' Alla. Marija, qatt ma iddubitat.

Permezz tat-talb tagħha Marija kienet tara l-kobor ta' Alla. Ħafna drabi aħna ninsew il-kobor ta' Alla, ninsew li qed nitkellmu ma' Alla l-Għoli u għalhekk jkun hemm dawk id-drabi fejn meta nitolbu xi ħaġa nkunu rriduha malajr u minnufih. Talb bħal dan jurina kemm ma nifhmux il-vera talb x'inhu.

Marija ssieħeb fit-talb il-ħajja kollha ta' Ġesù mit-twelied sal-mewt u l-qawmien, u wara tkompli bit-talb tagħha tgħin u tagħmel kuraġġ lid-dixxipli. Min jaf kemm talbet ma' Pietru li kien għadu jħossu mkisser biċ-ċaħda tiegħu! Kienet hemm fosthom, taqdi l-missjoni ġdida tagħha ta' Omm. Kienet hemm titlob ma' dik il-komunità hekk zgħira, waqt l-istenniha tar-Ruħ il-Qodos.

Fl-Evanġelju lil Marija nsibuha biss fl-iktar mumenti kruċjali. Preżenza siekta ta' omm u ta' dixxiplu. Marija li tgħallmet l-aħjar ħwejjeġ minn Ġesù, ma setgħetx ma' tkunx mara ta' talb. Marija ma kienetx tifhem kollox. Insibu fl-Evanġelju ta' San Luqa 2:13 li Marija min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom.

**Papa Franġisku jgħidilna kemm tkun ħaġa tajba li nħarsu lejn Marija u nitolbuha tgħallimna kif għandna nitolbu. Nitgħallmu ngħidu "Dak li trid int, Mulej. Wegħedni biss li se tkun preżenti f'kull pass tal-mixja tiegħi".**

## "Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina"

*Fr. Mark Mallia Pawley*



Il-messaġġ f'dan il-kliem hu wieħed ċar ħafna. Jiena nkun maħfur meta naħfer lil oħrajn. Minħabba li jien ġejt maħfur, l-ewwel u qabel kollox nhar il-magħmudija tiegħi, mid-dnub tan-nisel, irrid naħfer kif niġi maħfur. "Bħalma"...mhux iktar u mhux inqas...fi kliem sempliċi qed nitlob lill-Missier biex ma jagħmilx miegħi iktar milli nagħmel jien ma' ħaddieħor. Din il-kelma hija dik li tgħaqqad il-ħniena tiegħi mal-Ħniena ta' Alla.

Alla, fil-ħniena kbira tiegħu, itina kull m'hu tal-akbar ġid għalina: il-ħajja, kull ma hu bżonnjuż għall-għajxien tagħna, il-ħajja ta' dejjem, kollox. Jekk nieqfu u nħarsu ftit xi stħaqqilna minn dan kollu, naslu biex nammettu li ma jistħoqqilna xejn. Dan għaliex aħna ħafna drabi nagħżlu li nintrabtu mal-bżonn tagħna minflok ma' Dak li jipprovdina b'dak kollu li hu ta' ġid. Aħna stess qed nammettu li aħna midinbin u għandna bżonn il-maħfra Tiegħu! Din il-maħfra nistgħu nirċevuha waqt is-sagrament tal-qrar. Alla qatt ma jwarrab qalb sobiegħna. Meta l-indiema tagħna tkun sinċiera, hekk ukoll tkun il-maħfra Tiegħu...għax Alla ma jaħfirx bil-biċċiet!

L-istess jixtieq minni Alla. Ma nistax jien naħfer bil-biċċiet jew sa fejn jaqbilli, u nibqa' nsawwat li ħija jkun naqasni. Alla jrid li, kif ħenn għalija Hu, inħenn jien għall-oħrajn...kif jaħfirli Hu, naħfer jien lill-oħrajn. Meta naħfer, jien qed infejjaq lil qalbi mill-uġigħ li jġib miegħu id-dnub, u nneħħi wkoll minnha l-velenu tar-rabja. Huwa fil-qalb fejn kollox jintrabat jew jinħall. Fil-mument ta' maħfra sinċiera, inkun nista' nagħraf l-imħabba u l-ħniena kbira li Alla għandu għalija, li jaħfirli bla ma jżomm xejn f'qalbu għalija. Il-maħfra ttini wkoll il-qawwa li nwassal din il-Qalb Ħanina ta' Alla għand dawk li verament għandhom bżonnha.

Il-Missier tagħna immaġni tal-ħniena u l-imħabba Tiegħu għalina f'Ġesù nnifsu. Fil-mument meta n-nuqqas tal-ħniena tagħna l-bnedmin sallbu fuq salib, Ġesù jaħfrilna u jsalvana. Għax kif jgħid Kristu nnifsu: "Ħadd m'għandu mħabba akbar minn din, li jagħti ħajtu għal min iħobb" *(Ġw 15,13)*. Għalhekk, ejjew nibdew aħna stess inwettqu dak li rridu li Alla jagħmel magħna. Bħalma jien ma nista' qatt inħobb lil Alla li ma narahx u ma nħobbx lil ħija li narah kuljum, għax l-imħabba tasal għand Alla meta nħobbu fl-oħrajn, hekk ukoll ma nista' qatt nirċievi l-maħfra mingħand Alla jekk l-ewwel u qabel kollox ma nuriehx l-indiema sinċiera tiegħi meta naħfer lil ħija li narah kuljum.



## L-Għażla

*Kitba ta' Albert Sammut*




Il-bniedem maħluq minn Alla għandu l-għażla x'jagħmel b'ħajtu: jew isalvaha jew jitlifha. Tajjeb inkunu nafu li Alla BISS għandu d-dritt jagħżel bla kundizzjoni, għax Hu Assolut. Aħna, l-għażla tagħna hija kkundizzjonata.

Meta Alla ħalaq l-anġli, ma għamilhomx kollha l-istess, iżda għamel disà kori ta' anġli. Meta għamel lill-bniedem xbieha tiegħu, għażel li jagħmel lil Adam l-ewwel u għamlu maskil **bħalu**, imbagħad għamel lil Eva minnu u għamilha femminil. Dan għamlu biex ikun jista' jħobbha u jkattru, għax qal: "Din laħam minn laħmi." U Eva tħobb lil Adam għax ġejja minnu.

Aktar tard, mit-tliet ulied ta' Terah: Abraham, Nahor u Haran – Alla għażel lil Abraham biex minnu jagħmel poplu ġdid għalih. Miż-żewġ subien ta' Abraham: Ismael u Iżakk, għażel lil Iżakk. Mit-tewmin ta' Iżakk, Esau u Ġakobb, għażel lil Ġakobb, avolja kemm Ismael u Esau kienu l-preferuti ta' missierhom. Dan juri li Alla ma jarax bħalna, imma l-qalb.

Tajjeb inżommu f'moħħna li kull persuna li għandha xi awtorità, din l-awtorità ġiet mogħtija minn Alla biex twettaq dmirha sewwa. Issa jiġri li, billi kull persuna għandha r-rieda ħielsa, tista' tagħżel li, flok tagħmel it-tajjeb, tagħmel il-ħażin. U hawn tidħol l-konsegwenza, għax jekk tagħmel il-ħażin, ibatu n-nies li jaqgħu taħtha, u fl-aħħar ikollu jbati l-konsegwenzi hu stess.

Mela, ħbieb, inqisu li bil-libertà kollha tagħna, nagħmlu mezz li nagħrfu nagħmlu s-sewwa, għax b'hekk inkunu qed nagħmlu r-rieda ta' Alla. Permezz t'hekk igawdu l-oħrajn u fl-aħħar nieħdu l-premju li jkun jistħoqqilna. Ma ninsewx li aħna lkoll għad irridu nagħtu kont ta' dak kollu li nkunu wettaqna matul ħajjitna. Għalhekk, bil-kuraġġ u bl-għajnuna ta' Marija, Omm Alla, nagħżlu is-sewwa.

# Talba

*Kitba ta' Joseph Muscat*



Mulej ġejt hawn quddiemek. Fis-skiet niftaħ qalbi, nurik lili nnifsi kif jien. Ma rrid xejn aktar Mulej ħlief li nitlaqa' ftit miegħek u int tiltaqa' miegħi fil-ħemda, fil-kwiet. Nagħlaq għajnejja u nferragħ quddiemek dak li hu tiegħi, dak li jagħmel lili jien kif jien.

Kemm drabi Mulejja terraqt bla tajt każ li madwari hemm ilħna jokorbu. Min hu bil-ġuħ u bil-għatx, min hu għeri u bla dar, min hu marid u fil-ħabs. Kemm drabi ħrabt l-għajta maħnuqa u komplejt triqati. Kemm drabi l-għajta ta' l-imsejkna waqgħet fuq widejn torox. Kemm drabi u drabi l-għajta miskina baqgħet tidwi tul l-iljieli bla rqad.

Mulej, int poġġejtni madwar din il-ġemgħa ta' nies. Ma nistax ngħix għalija nnifsi biss. Ma nistax naħrab aktar minnhom. Int dawn tgħajthomli biex jien niġi quddiemek u nfaħħrek Mulej. Infaħħrek għal kobor u l-ħniena tiegħek. Infaħħrek għax fil-batut tidher il-ħniena tiegħek. Ma nistax ngħix ħajjti jekk ma nidħolx bejn il-basla u qoxritha ta' min hu marid, ta' min hu waħdu, ta' min hu beżgħan, ta' min hu mwarrab minn kulħadd. Mulej, nitolbok biex tgħatini l-kuraġġ li ngħix din is-sejħa.

Int biss Mulej taf kemm jiena dgħajjef. Kemm drabi inħares lura u naqta' qalbi. Int biss Mulej taf kemm l-ilħna tad-dinja idajjgħfu l-ħrara u l-ħeġġa tal-bidu tal-jum. Int biss Mulej taf!

Mulej, ġejt quddiemek għax nemmen li int tista' kollox. Nemmen li tista' iġġorni fuq spallejk u timxi bija u miegħi. Nemmen li int tista' tnaqqaxni kif tixtieq int. Nitolbok Mulej biex inkun strument dehen f'idejn ir-rieda tiegħek.



## IS-SINJAL TAS-SALIB



X'ħin is-Saċerdot jieħu postu fuq is-Sedja taċ-ċelebrant jew imur quddiem l-*Ambone*, huwa jrodd is-Salib u flimkien miegħu, troddu l-ġemgħa tal-insara fil-Knisja.

Bir-raġun kollu li l-Liturġija tal-Kelma tibda bir-Radd tas-Salib, għaliex huwa s-sintesi tal-Kredu u stqarrija fil-qosor tal-fidi tagħna.

Bis-Sinjal tas-Salib, nistqarru t-twemmin tagħna fit-Tliet Persuni tat-Trinita' Qaddisa, f'Alla wieħed, kif ukoll fil-misteru tal-Inkarnazzjoni u tar-Redenzjoni mwettqa mill-Iben t'Alla magħmul bniedem, bil-passjoni u l-mewt tiegħu.

Il-Quddiesa hija ċ-ċentru tal-Liturġija tal-Knisja u l-ikbar att ta' qima lit-Trinità Qaddisa, kif ukoll, tifkira ħajja tal-fidwa tagħna.

Il-ġesti tagħna, waqt li nroddu s-Salib, għandhom tifkira simbolika qawwija. L-id il-leminija tinżel mill-ġbin għal fuq is-sider, li timxi minn fuq għal isfel u tfakkarna li Ġesù mis-sema niżel fid-dinja. Imbagħad l-istess id timxi mix-xellug għal-lemin, biex tindika li aħna permezz ta' Kristu, għaddejna mid-dlam għad-dawl, mid-dnub għall-ħajja tal-grazzja.

Il-ġest isir f'għamla ta' Salib u jfakkarna fit-tbatija u l-mewt li Kristu ġarrab fuq il-Kalvarju għall-fidwa tagħna.

## Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (13)



*Kitba ta' Ernest Taliana - Ex. Nursing Manager*

**Bħalma** kont għidt qabel, biex tagħmel xogħol ta' *nurse* jrid ikollok dedikazzjoni, paċenzja u vokazzjoni. Jekk ma għandekx dawn aħjar tmur issib xogħol alternattiv.

**H**emm ċertu swali fis-settur tas-saħħa fejn in-*nurse* trid tkun kwalifikata u tispeċjalizza f'dak il-qasam bħal ngħidu aħna fl-ITU, swali tal-qalb (Kardjoloġija), jew teatri ta' l-operazzjonijiet. Hemm swali fil-kura tat-tfal bi bżonnijiet speċjali u tal-kanċer. F'dawn is-setturi għandek ħafna apparat teknoloġiku modern u trid taġġorna ruħek għax jimbidlu wara ċertu żmien għal iktar apparati moderni. *Nurses* li jkunu ilhom jaħdmu fi swali bħal *Ophthalmic* (tal-għajnejn), tal-ENT (*Ear-Nose and Throat*), NSU (tan-nervituri), isiru esperti fil-kura u trattamenti tal-pazjenti. Illum hemm karigi fin-*nursing* fejn wieħed jista' jispeċjalizza f'ċertu kuri biss bħal fuq kura ta' feriti biss, jew idaħħlu ċertu pipijiet f'partijiet tal-ġisem. Oħrajn biex jieħdu d-demm mill-vini biss (*Phlebotomisti*).

**Fejn** tidħol kura għal-anzjani bħal SVPR, trid toqogħod attent li dawn ma jiżviluppawx feriti fis-sodod. Trid iddawwarhom spiss għax dawn ikunu fraġli u l-ġisem malajr jinstelaħ. Il-feriti idumu ma jfiequ, allura aħjar tevita kemm tista'.

**Fejn** tidħol il-kura ta' pazjenti bid-*Dimentia*, l-istaff, minn fattiga sa' n-*nurse in charge*, iridu jkunu magħżulin u jkunu kapaċi, permezz ta' korsijiet, kif għandhom jitrattaw u jaġixxu b'għemilhom ma' kull sitwazzjoni li tista' tinqala mal-pazjenti. Ma tistax tkun goff u żorr ma' l-ebda pazjent. Trid tqis li dawn l-imsejkna mhux qed jaġixxu normali. Trid tkun kalm u paċenzjuż. Illum għandek ħafna pazjenti u *staff* li huma barranin. Trid tirrispetta l-kultura tagħhom, kif suppost għandhom jagħmlu huma magħna wkoll.

**Fis-snin** 60 u 70 ma kellniex dik l-opportunità li nagħmlu korsijiet iktar ħlief l-uniku kors l-"*First line management*" u xi oħrajn żgħar mal-MISCO. Illum l-istaff għandu l-opportunità li jista' jibqa javvanza. Ħafna jkomplu il-*Masters* u korsijiet speċjalizzati oħra. Hekk għandu jkun għax fis-settur tas-saħħa l-affarijiet jinbidlu spiss fejn tidħol teknoloġija, mediċina u apparat ġdid. Biss bħal ma ġieli jgħidu, "il-progress kultant iġib r-rigress" għax il-ħin li l-istaff ikun qrib il-pazjenti, wara li jkunu għamlulu dak kollu li jkollu bżonn, naqas mhux ħażin għax fil-ħin liberu joqogħdu jistudjaw u mhux jitkellmu mal-pazjenti bħalma konna nagħmlu aħna żmien ilu. Kollox jinbidel maż-żmien. Il-komunikazzjoni soċjali bejn il-pazjenti u l-i*staff* naqas sew. Kulħadd itektek u moħħu fuq l-imbierek *mobile* telefon kif ikollu ċ-ċans.





**IL-PAPIET - Seklu IX _** *ikompli*

*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

**Aprijanu II** (867-872AD). Fiż-żmienu ġrat ġrajja ta' konsolazzjoni kbira meta f'Ruma waslu l-aħwa Ċirillu u Metodju li kienu qed jevanġelizzaw fl-Ewropa tal-Orjent. Dawn kienu qed jaddottaw Liturġija tal-Knisja bil-lingwa Slovonika li ġiet approvata mill-istess Papa.

**Ġwanni VIII** (872-882AD). Dam 10 snin Papa. Bniedem ta' enerġija kbira minkejja li kien mgħobbi bis-snin. L-Imperatur Lwiġi II kien ta' għajnuna kbira għall-Papa kontra l-invażjoni tas-seraċini.

**Marinus I** (882-884AD). Papa ta' ftit importanza.

**San Adrijanu III** (884-885AD). Dan ukoll kien Papa ta' ftit importanza.

**Stiefnu V** (885-891AD). Kien iħobb ħafna lil fqar. Għen ħafna lil familji li ġarrbu ħsara kbira mill-attakki tas-Seraċini. Kellu problemi oħra fuq min se jkun is-suċċessur ta' San Metodju, l-Appostlu tas-Slavi. Meta miet dan il-Papa, ġie mfaħħar minn kulħadd.

**Formosu** (891-896AD). Kien bniedem intelliġenti ħafna u diplomatiku kbir. Kien hemm grupp li kienu jobogħduħ ħafna. Żmien wara mewtu, il-katavru tiegħu ġie maqlugħ mill-qabar tiegħu li kien fil-Basilika ta' San Pietru u tpoġġa għall-prova mis-suċċessur tiegħu, il-Papa Stiefnu VI. Wara dan tefgħuh fix-xmara Tevere.

### Talba ta' San Ġorġ Preca



*Prekatorju, nru. 31*

Sinjur Alla, O Missier, konsolatur wieħed tal-imnikktin, farraġ bit-tama tal-hena tal-ġenna 'l dawk kollha li huma mbikkijin u mnikktin: dawwalhom li jifhmu tajjeb li d-dinja mhijiex il-ġenna, iżda l-post fejn aħna bit-tbatijiet tagħna naħdmu l-kuruna tal-ġenna.

## Inkwiżituri appuntati f’Malta.

L-Inkwiżizzjoni kienet istituzzjoni tal-Knisja Kattolika Rumana li kienet twaqqfet biex tikkumbatti u xxejjen l-ereżija. Iżda l-kelma tintuża wkoll anke b’referenza għal tribunali ekklezjastiċi li kienu attwalment iwettqu dan ix-xogħol kif ukoll għall-proċess ġudizzjarju li kien jgħaddi minnu persuna akkużata bl-ereżija. F’Malta 62 kienu li servew bħala Inkwiżituri

1. **DOMENICO CUBELLES** (1561- 66) twieled f’Zaragoza fi Spanja.



Kien Kappillan Konventwali tal-Ordni ta’ San Ġwann ta’ Ġerusalemm u Gran Prijur tal-Knisja Konventwali ta’ San Lawrenz fil-Birgu. L-Imperatur Karlu V ippreżentah bħala kandidat għall-Isqof tad-djoċesi Maltija u l-Papa Pawlu III innominah fl-10 ta’ Diċembru 1540. Fl-1562, huwa ħabbar it-twaqqif tal-Inkwiżizzjoni Rumana f’Malta u ġie maħtur bħala l-ewwel Inkwiżitur. Cubelles amministra l-Inkwiżizzjoni mill-Birgu sal-1565, meta l-attività kollha tat-tribunal ġiet sospiża minħabba l-Assedju l-kbir. Dan l-Isqof ta’ Malta, iżda, baqa’ Inkwiżitur sal-jum tal-mewt tiegħu, 22 ta’ Novembru 1566.

2. **MARTINO ROYAS de PORTA TUBEO** (1573-74) twieled



Portalruvio fi Spanja. Kiseb dottorat fil-liġi u bħala saċerdot, ġie aċċettat bħala kappillan konventwali tal-Ordni ta’ San Ġwann. Kien Viċi Kanċillier tal-Ordni u rrappreżentah matul it-tielet sessjoni tal-Kunsill ta’ Trentu (1562-63). Fil-5 ta’ Novembru 1572, il-Papa Gregorju XIII ħatru Isqof ta’ Malta u wara, fl-20 ta’ Marzu 1573, Inkwiżitur. It-terminu tiegħu bħala Inkwiżitur kien wieħed turbulenti. Il-Kavallieri għamlu dak kollu li setgħu biex neħħewh mill-ewwel kariga tiegħu u rnexxielhom; lejn nofs l-1574, Royas bħala Inkwiżitur ġie rtirat. Filwaqt li baqa’ Isqof, ta’ Malta, Royas telaq mill-gżira fl-1576. Miet Ruma fid-19 ta’ Marzu 1577.



# Intenzjonijiet tal-Papa
# - 2026 -



**LULJU**
**Għar-rispett tal-ħajja umana**
Nitolbu sabiex il-ħajja umana tkun rispettata u protetta fil-fażijiet kollha tagħha, u titqies bħala rigal minn Alla.



**AWWISSU**
**Għall-evanġelizazzjoni fil-bliet**
Nitolbu sabiex fil-bliet il-kbar, spiss karatterizzati mill-anonimità u s-solitudni, insibu modi ġodda ta’ kif inħabbru l-Vanġelu billi niskopru toroq kreattivi ta’ kif tinbena komunità.



**SETTEMBRU**
**Biex nieħdu ħsieb tal-ilma**
Nitolbu għal tqassim ġust u sostenibbli tal-ilma sabiex kulħadd ikollu aċċess indaqs għal din ir-riżorsa vitali.



**OTTUBRU**
**Għal ministeru tas-saħħa mentali**
Nitolbu biex jitwaqqaf il-ministeru tas-saħħa mentali kullimkien fil-Knisja ħalli tingħeleb l-istigma u d-diskriminazzjoni ta’ persuni b’mard mentali.



**NOVEMBRU**
**Għall-użu xieraq tal-ġid**
Nitolbu sabiex ir-rikezza tintuża tajjeb billi ma naqgħux għat-tentazzjoni tal-egoiżmu, iżda nqegħduha dejjem għas-servizz tal-ġid komuni b’solidarjetà ma’ min għandu anqas.



**DIĊEMBRU**
**Għall-familji b’ġenitur wieħed**
Nitolbu għall-familji li qed iġarrbu n-nuqqas tal-omm jew tal-missier, sabiex isibu fil-Knisja min jgħinhom u jimxi magħhom, u fil-fidi wens u qawwa fiż-żmienijiet diffiċli.